MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Ġunju, 2003

Monica Borg
vs
Bank of Valletta Limited

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990 u l-1992 hija sofriet ingustizzja f'li ma nghatatx promozzjoni.

Illi l-fatti tal kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrenti giet originarjament impjegata mal-Bank intimat fis-7 ta' Lulju 1976 bhala Clerk I u fl-1987 giet imlahhqa bhala Assistant Manager.

Illi din il-promozzjoni hija dovuta mill-impenn serju u abbli u minn xoghol efficjenti u leali ta' l-istess rikorrenti, u dan

jidher car mir-rapporti li saru dwar l-istess hidma taghha ta’ kull sena qabel u wara l-promozzjoni.

Illi r-rikorrenti ghamlet perjodu ta’ secondment mal-Ministeru tas-Sahha mill-1983 sal-1987 fejn kienet tokkupa l-kariga ta’ private secretary.

Illi wara li spicca s-secondment ir-rikorrenti kienet responsabbli mill-organizazzjoni u t-tmexxija ta’ l-administration department ta’ l-International Division fi hdan l-istess Bank intimat.

Illi kienet bil-hidma dejjem kapaci u efficjenti taghha li rnexxielha ggib l-Amministrazzjoni effettiva fl-International Division u hekk kif jixhdu mir-rapporti.

Illi fl-ewwel ta’ Gunju 1990 bic-cirkolari li ggib referenza personnel 24/90 ta’ 8 ta’ Mejju 1990 kienu nhatru diversi persuni mill-grad ta’ Assistant Manager ghall-grad ta’ Manager I, u dan minkejja li dawn il-persuni kellhom anqas esperjenza, seniority u kwalifiki mir-rikorrenti.

Illi minkejja dan, fit-22 ta’ Gunju 1992 bic-cirkulari li ggib referenza Personnel 27/92 kienu regghu hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta’ Manager. Illi fl-istess hin il-grad ta’ Assistant Manager gie abolit.

Illi ghalkemm ir-rikorrenti applikat ghall-grad u ghamlet l-interview b’success ghax wiegbet id-domandi kollha, ghalkemm dam biss hames (5) minuti hija xorta ma nghatatx il-promozzjoni ta’ Manager I. F’dan il-kaz ukoll, kien hemm haddiema li nghataw il-promozzjoni minflok ir-rikorrenti, ghalkemm dawn il-persuni kellhom esperjenza, servizz u kwalifiki inferjuri minn dawk tar-rikorrenti. Partikolarment kien hemm kollega tar-rikorrenti li fil-1987 kienet biss clerk u mhux Assistant Manager kif kienet ir-rikorrenti u xorta wahda giet promossa ghal Manager I.

Illi l-ingustizzja mgarrba mill-istess rikorrenti hija gustifikata mill-fatt stess li ghal darbtejn hi kellha kwalifiki u esperjenza izjed minn ta’ dawk il-persuni li ntaghzlu minflokha.

Illi n-numru ta’ haddiema li kienu ghadhom fil-grad ta’ Assistant Managers kien numru zghir hafna minhabba l-fatt li l-ohrajn kienu kollha nghataw il-grad ta’ Manager I.

Illi l-ingustizzja tar-rikorrenti giet aggravata mill-fatt li kien hemm drabi fejn hija giet rakkomandata mill-Management ta’ l-International Division ghal din il-promozzjoni u din xorta ma nghatatilhiex. Illi r-rikorrenti kienet wahda minn ta’ l-ewwel li nghatat il-personal award scheme.

L-istess rikorrenti, flimkien mal-hames persuni l-ohra li baqghu fil-grad ta’ Assistant Managers bhalha, inghatat il-promozzjoni ta’ Manager mill-Kumpanija intimata fil-1995 ghax l-istess kumpanija kienet imgieghlha mill-Collective Agreement li gie ffirmat f’dik is-sena.

Illi minhabba d-dewmien ingust u diskriminatorju fil-promozzjoni taghha bhala Manager mill-kumpanija intimata, ir-rikorrenti batiet danni finanzjarji konsiderevoli minhabba fid-differenza ta’ paga bejn dak ta’ Assistant Manager u dak ta’ Manager I.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kien bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li tinghata rimedju billi tinghata l-promozzjoni li haqqha b’ effett minn meta kienet intitolata li tiehu din il-promozzjoni u li tithallas l-arretrati tal-paga minn dik id-data u li tinghata l-beneficcji u d-drittijiet kollha spettanti lilha, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li tithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Bank of Valletta Limited li eccepixxa.

Illi l-intimat jiddikjara illi fil-mertu l-allegazzjonijiet maghmua mir-rikorrenti Monica Borg huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma saret ebda ingustizzja fil-konfront taghha.
Illi l-intimat kien bi hsiebu jgib biex jsostni r-risposta tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li l-intimat kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda taghhom.

Ghaldaqstant l-intimat Bank of Valletta Limited, talab lil dan it- Tribunal tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji jiddikjara li ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrenti Monica Borg u jichad it-talbiet taghha.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehdet Monica Borg u kkonfermat il-kontenut tar-rikors taghha. Xehdet in kontro ezami u lmentat li giet maqbuza fil-promozzjonijiet fosthom dik tal-1992 u tal-1990. Qalet li hi ma kellhiex kwalifiki bankarji izda qalet li kien hemm nies li hadu l-promozzjoni minghajr kwalifiki bankarji. Hi kkonfermat li fl-1987 hi kienet Assistant Manager u qalet li kienet taf li dan il-grad ser jigi abolit. Semmiet li fil-promozzjoni tal-1990, Ray Azzopardi tal-International Division u Philip Micallef qabzuha u qalet li t-tnejn ma kienux gradwati u t-tnejn ma kellhomx kwalifiki bankarji. Esebiet dokument a fol 93 u 94 tal-process, li hu summary tal-appraisal report li jkun sar mill-Head tad-Dipartiment u

li jkopri bejn l-1990 u l-1994. Mid-dokument C esebit mir-rikorrenti jirrizulta li Ray Azzopardi (I.D.) u Philip Micallef gew promossi minn Assistant Manager ghal Manager b' effett mill-1 ta' Gunju 1990 meta dawn kienu dahlu fl-impjieg fl-istess data tar-rikorrenti u ma kellhomx kwalifiki specjali bhar-rikorrenti. Inoltre semmiet li Julian Baldacchino, Carmel Calleja, Maurice Callus, Emily Grech, William Stride lahqu minn Supervisor II ghal Manager I fl-1992 u ma kellhomx kwalifiki specjali bhar-rikorrenti. Inoltre semmiet lista ta' 15-il persuna ohra li minn Assistant Manager lahqu Manager I fl-1992 u li kienu dahlu jahdmu fl-istess data tar-rikorrenti u ma kellhomx kwalifiki specjali aktar mir-rikorrenti.

Xehed John Bisazza li kien Senior Manager fl-International Division u li meta mar hemm fl-1989 ir-rikorrenti kienet l-assistenta tieghu. Qal li x-xoghol taghha dejjem kien tajjeb u kien jafdaha. Zied ighid li r-rapporti li kien jaghmel dwar Monica Borg kienu eccellenti.

Xehed Charles Cassar li kien Segretarju tat-taqsima tal-GWU. Qal li jiftakar ilmenti minn Monica Borg relatati mal-promozzjonijiet tal-1990/1992. Qal li meta kkomparaw il-kwalitajiet imnizzlin fil-ftehim fosthom kwalifiki u seniority kien hemm kazijiet fejn ir-rikorrenti kellha iktar seniority minnhom. Semma wkoll li ma kien hemm l-ebda rapporti avversi mill-bank dwar ir-rikorrenti.

Xehed Tom Anastasi Pace li kien General Manager fl-International Division. Qal li jiftakar lir-rikorrenti bhala Assistant Manager u jiftakar ukoll li kienet harget applikazzjoni ghall-promozzjonijiet fl-1992 u Monica Borg kienet irrakomandata. Qal ukoll li l-appraisal reports kienu tajbin.

Joseph V. Gattipprezenta affidavit u fih semma li jokkupa l-kariga ta' General Manager (Strategy) fil-Bank of Valleta p.l.c. u parti mir-responsabbilitajiet li jaqghu tahtu huma r-Rizorsi Umani tal-Bank kollu. Spjega li ezercizzju ta' promozzjonijiet ghall-grad partikolari jigi stigat principalment ghaliex u meta tinhass il-htiega li jimtlew postijiet vakanti f'dak il-grad. Dawn il-postijiet vakanti gew

kkrejati normalment minhabba jew ghaliex ikunu rtiraw jew irrizenja xi ufficjali f'xi grad jew gradi u allura jkunu jridu jimtlew il-postijiet vakanti li jkun hallew jew minhabb al-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-Bank. Qal li minn Mejju 1987 lil hawn il-Bank zied madwar 500 impjegat fil-gradi white collar. Meta jkunu se jimtlew numru ta' vakanzi jitwaqqaf promotions board. Dan il-Bord ikollu l-inkarigu li jwettaq l-ezercizzju mill-bidu sat-tmiem u wara li jkun lestieh iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank sabiex dan il-Kumitat japprova n-numru ta' promozzjonijiet mehtiega skond il-gradwatorja (order of merit) pprezentata lilu mill-Promotions Board. Il-Promotions Boards generalment ikunu komposti minn ufficjali gholja tal-bank, li jistghu jinkludu c-Chairman, General Managers, Assistant General Managers u jew Senior Managers. Normalment aktar ma' l-ezercizzju jkun ghall-promozzjonijiet ghall-gradi gholja aktar il-Promotions Board ikun kompost minn ufficjali gholja. Zied ighid li ma tezisti l-ebda regola miktuba dwar kif ghandhom ikunu komposti il-Promotions Boards. Il-Bank, imma, generalment dejjem mexa fuq dan il-principju.

Kull Promotions Board huwa marbut illi jevalwa u jassesa l-kandidati li jkunu eligibbli ghal dak l-esercizzju partikolari skond il-kriterji stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv. Il-klawsola fil-Ftehim Kollettiv tghid: ***"When effecting promotions, the Bank shall be guided by aptitude, experience, merit, qualifications and seniority, not necessarily in that order"*** u dan ghal ragunijiet ovvji ghax per ezempju Experience u Merit f'kaz ta' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi ghojin bhal dawk ta' Senior Manager u aktar 'l fuq, il-wieghting li tinghata ghalihom tkun aktar minn dik moghtija ghall-Qualifications. Minn naha l-ohra l-kriterju tal-qualifications jinghata wieghting aktar gholi f' ezercizzju ta' promozzjonijiet ghal gradi t'isfel e.g. Signatory B u Signatory A.

F'kull ezercizzju allura, wara li l-membri tal-promotions Board jilhqu ftehim bejniethom dwar kif ghandhom ikunu l-weightings ghal kull wiehed mill-hames kriterji msemmija fil-Ftehim Kollettiv, kull membru tal-board separatament jifli l-personal Files ta' kull kandidat u jaghti l-marka tieghu

ghal kull wahda mill-kriterji. Il-marki ghall-Merit, Aptitude u Experience iridu johorgu mill-Personal File, fejn wiehed jara l-Annual Performance Appraisals, kif ukoll minn informazzjoni ohra li l-Promotions Board jisa jkollu fuq il-kandidat. Dawk ghall-qualifications u Seniority ikunu diga gew miftiehma u maqbula qabel mill-membri tal-Promotions Board, ghaliex fuq dawn naturalment m'hemm l-ebda suggettivita`.

Ghalkemm m'huwiex marbut il-Bank jista jiddeciedi li f'xi ezercizzji partikolari ta' promozzjonijiet jaghmel ukoll Interview. Generalment dawn ikunu f'kazi ta' promozzjonijiet ghall-gradi t'isfel. L-Interview iservi sabiex jghin aktar lill-membri tal-promotions board li jsiru jafu aktar lill-kandidati mill-vicin, mentri fil-kaz ta' promozzjonijiet ghall-gradi ghojin dan ma jkunx hemm bzonnu ghaliex peress li l-kandidati jkollhom hafna snin servizz, normalment l-membri tal-Board ikunu jafuhom bizzejjed u ma jkunx hemm bzonn ukoll tal-Interview. Ghalhekk meta ssir l-Interview, tigi allokata wkoll marka ghaliha, bhala parti mill-100 marka massimu li kull kandidat jista jinghata minn kull membru tal-Bord.

Wara li kull membru tal-Promotions Board ikun fela u assessja l-Personal Files ta' Kull kandidat u jkun ta l-punteggi tieghu (kif ukoll l-marka ghall-Interview meta din issir), jigu aggregati l-punteggi li kull membru tal-board ikun ta' lill-kull kandidat u tinhareg l-Order of Merit li minnha jinghataw il-promozzjoni dawk il-kandidati li jidhru fil-lista (Skond l-order of Merit) skond in-numru li jigi deciz finalment mill-Kumitat Ezekuttiv tal-Bank.

In-numru ta' dawk li jigu promossi f'kull ezercizzju jkun dejjem relattivament zghir meta mqabbel man-numru totali ta' kandidati li kienu eligibbli ghaliex in-numru tal-impjegati tal-Bank huwa konsiderevolment qawwi u ghalhekk anke f'kull grad wiehed isib numru konsiderevoli ta' impjegati. Fil-Bank tesizti gerarkija ta' gradi li tiehu l-forma ta' piramida jigifieri aktar ma titla 'l fuq aktar ikunu ftit il-postijiet vakanti. Is-sistema prezenti ta' kif jinghataw il-promozzjonijiet fil-Bank ma kienetx hekk minn dejjem imma evolviet matul is-snin u dan proprju sabiex issir

dejjem aktar trasparenti. Fil-fatt kien f'Marzu tal-1992 li ghall-ewwel darba l-bank kien beda jadotta sistema gdida li johrog sejha ghall-applikazzjonijiet meta jkun ser isir ezercizzju ta' promozzjonijiet u imbaghad wara jsiru l-Interviews.

Rigward il-promozzjonijiet ta' l-20 ta' Lulju 1987 (Personnel Circulars Nos. 38/87 & 39/87), il-Bord tad-Diretturi meta approva dawn il-promozzjonijiet kien iddikjara: ***'The purpose of the promotions was to rectify the grave injustices suffered in the past by the individuals in question, insofar as promotions were concerned.'***

Minn xi sitt snin 'l hawn, il-Bank beda wkoll jadotta sistema ta' Counselling interviews, jigifieri kull impjegat li ma jkunx gie moghti promozzjoni jekk irid jista jitlob li jiltaqa ma ufficjal gholja tal-Bank sabiex jiddiskuti kif ikun mar f'dak l-ezercizzju. Dawn il-Counselling Interviews intlaqghu tajjeb hafna ghaliex l-impjegat ikun jista jaghraf f'liema kriterju jewkriterji huwa jkun mar l-aktar hazin u allura jkollu l-opportunita` sabiex jahdem sabiex ittejjeb il-performance tieghu u b'hekk ittejjeb konsiderevolment ic-cansijiet tieghu thal esercizzju ta' promozzjoni sussegwenti. Fuq talba tal-Unions il-Bank qieghed ukoll jinghata t-total ta' marki lil jkun gab l-anqas wiehed minn dawk li jkunu gew promossi u b'hekk l-impjegat ikun ukoll jista jaghmel il-benchmarking u jara kemm kien il-boghod milli jiehu l-promozzjoni. Spicca biex jghid li l-Bank dejjem mexa mal-Ftehim Kollettiv.

Xehed <u>Alfred Pace</u> li esebixxa l-breakdown tal-marki tar-rikorrenti fil-promozzjonijiet tal-1992 a fol 64 tal-process kif ukoll is-sejha ghall-applikazzjoni a fol 65. A fol 66 hemm ic-cirkolari ta' meta hargu l-promozzjonijiet bl-ismijiet fuqha. Esebixxa wkoll memo mahruga mill-General Manager ta' dak iz-zmien li tinsab a fol 69. Gie esebit estratt tar-rizoluzzjoni tal-Executive Committee flimkien mal-Executive Committee paper kif ukoll ir-rapport tal-interviewing board minn fol 70 sa 74 tal-process. A fol 75 giet esebita l-lista tan-nies li hadu l-promozzjoni. Fir-rigward tal-promozjoni tal-1990 esebixxa c-cirkolari, il-

memo mill-General Manager, ir-rizoluzzjoni tal-Executive Committee u l-Executive Committee paper minn fol 78 sa 89 tal-process.

Xehed Rene` Formosa li qal fil-promozzjonijiet tal-1992 hu kien fis-selection board u qal li kienu ghamlu l-intervisti lill-kandidati u raw il-file taghhom u bbazaw fuq il-kriterji tal-kwalifiki, seniority, aptitude, experience u wkoll fir-rigward tal-intervista. Spjega li fir-rigward ta' aptitude kienu jaraw dan ghandux kapacita` bizzejjed ghall-kariga li applika ghaliha. Qal ukoll li fir-rigward ta' l-esperjenza, kienu jaraw ix-xoghol allokat lill-kandidat u d-diversi esperjenzi li kellu mal-Bank. Qal li fir-rigward tas-seniority kienu raw kemm il-kandidat kien ilu jokkupa dak il-grad partikolari u dan abbazi tal-collective agreement.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti li kienet qieghda fil-grad ta' Assistant Manager ma nghatatx il-kariga ta' Manager la fl-1990 u anqas fl-1992. Irrizulta li kwantita` konsiderevoli ta' nies li kellhom l-istess seniority daqs ir-rikorrenti fil-fatt hadu l-kariga ta' Manager ghalkemm ukoll ma kienux aktar kwalifikati mill-istess rikorrenti. Fil-fatt ir-rikorrenti giet deskritta bhala haddiema efficjenti u kapaci minn diversi persuni li kellhom pozizzjoni gholja fil-bank. Mill-appraisal reports taghha jirrizulta li kellha good performance throughout u very high standard, li taccetta extra curricular duties u highly competent, eager to learn and acquire further knowledge, guides and supervises her subordinates with authority, maintains a good standard of morale and efficience, instills a high sense of duty in the minds of staff members, popular and respected u excellent organiser.

Meta wiehed jikkunsidra l-kwantita` kbira ta' tifhir dwar ir-rikorrenti kif ukoll li kellha seniority u kwalifiki daqs nies ohra li saru dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif il-bank validament jista' jsostni li ma saritx ingustizzja meta fil-fatt hi ma gietx moghtija l-promozzjoni. Infatti l-bank ma tax raguni valida ghaliex ir-rikorrenti ma kellhiex tinghata l-promozzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrenti tinghata rimedju kompensattiv billi tinghata l-kariga ta' Manager I b'effett mill-1990 (fl-istess data li haduha l-impjegati l-ohra), u titpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm hadet l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li tithallas id-differenza fil-paga li sofriet.

Spejjez kontra l-bank intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------